MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Numru 1190/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**VS**

**DARREN GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Darren Gatt, ta' 22 sena, bin Saviour u Maria Fortunata nee' Vanhear, imwieled Attard nhar is-7 ta' Lulju, 1984, residenti gewwa l-fond imsejjah St Mary, Triq Santa Marija, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 331984 (M);

Akkuzat talli nhar it-8 ta' Novembru, 2006 ghall-habta tas-6.30pm, f'Haz-Zabbar:

Ikkommetta serq ta' DVD player tal-ghamla Ultravox, valura ta' madwar Lm25.00 (hamsa u ghoxrin lira maltin),

liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, u li sar ghad-dannu ta' missiseru Saviour Gatt minn Haz-Zabbar.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikoli 261 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Darren Gatt hati, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti tornda lill-istess imputat jattendi regolarment ghand psikjatra, u kif ukoll jaghti samples tal-urina gewwa l-Agenzija Sedqa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------